MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2007

Numru. 482/2007

Il- Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

-vs-

Godfrey Slattery

Il- Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Godfrey Slattery ta’ 52 sena, bin Francis u Agostina nee Avellino imwieled il-Birgu fid-29 ta’ Marzu 1955 u joqghod 25 Maison Slattery Triq il-Mitjar Hal-Luqa detentur ta’ karta ta’ identita 0326455M:

1. Talli filwaqt li kien fir-residenza 25 Maison Slattery Triq il-Mitjar Hal Luqa nhar it-8 ta’ Mejju 2007 ghal habta tal-00.15 ta’ fil-ghodu minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja, ta’ martu Rosaria Slattery minn Hal Luqa,

fil-perikolu car, ikkagunalha ferita ta' natura gravi kif certifikat minn Dr Kenneth Vassallo M.D. it-tabib tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana, liema ferita ggibilha mankament jew sfregju fil-wicc u dana bi ksur ta'l-artikoli 216(1)(b) u 222(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Talli f'l-istess data, hin, lok u cirkostanza, kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dana bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Talli f'l-istess data, hin u lok hebb ghal martu Rosaria Slattery sa biex jingurja jew jaghmel hsara lil-istess u dana bi ksur ta'l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Talli f'l-istess data, hin, lok u cirkostanza, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lill haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontra tieghu, meta kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgieba tieghu kien ser jikkaguna lill haddiehor biza' u dan bi ksur ta'l-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qprti giet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrielha xieraq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma f'l-10 ta' Dicembru 2007 l-imputat ammetta l-imputazzjoni lilu addebitati u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 222, 251B, 338(d), u 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-fedina penali ta'l-imputat u s-*social inquiry report* redatt fil-konfront ta'l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat li r-reati kommessi mill-imputat sehhu f'l-isfond ta' disgwid matrimonjali bejn il-konjugi Slattery. Jidher ukoll li l-imputat (flimkien ma' martu) qed jindirizza l-problemi li nqalaw u qed jattendi programm ma'l-agenzija appogg.

Illi mill-atti jirrizulta wkoll li l-parte leza, mart l-imputat, hafritlu ta' l-akkadut u kkonfermat li huma rrikonciljaw u li zewgha l-imputat qed jattendi ghal laqghat mizmuma mill-Agenzija Appogg.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll l-fedina penali kwazi netta ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fuq ammissjoni u wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 222, 251B, 338(d), u 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal zmien tlett (3) snin f'liema perjodu ghandu jkompli jattendi programm ma' l-Agenzija Appogg; il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car ir-responsabbilta' tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt dan il-perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigu assenjati ufficjali responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Godfrey Slattery.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------